Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/2523

10.11.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2523

tad-9 ta' Novembru 2026

li jemenda l-Annessi IV, V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għall-Afrika t'Isfel, għall-Kanada, għar-Renju Unit u għall-Istati Uniti fil-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ċerti annimali u prodotti li joriġinaw mill-annimali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 230(1), l-Artikolu 232(1), il-punt (b), u l-Artikolu 232(3), il-punt (b), tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li l-konsenji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jew territorji, jitħallew jidħlu fl-Unjoni biss jekk il-pajjiżi terzi jew it-territorji kkonċernati jkunu elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li l-konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, ta' prodotti ġerminali u ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi, territorji, jew żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura, iridu jkunu konformi magħhom biex jidħlu fl-Unjoni.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji, jew żoni tagħhom, li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u l-kategoriji ta' annimali, ta' prodotti ġerminali u ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Dawk il-listi u ċerti regoli ġenerali li jikkonċernaw dawk il-listi huma stabbiliti fl-Annessi I sa XXII ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(4) L-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi jew territorji, jew żoni tagħhom, awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' annimali ekwini. Iż-żona ZA-1 fl-Afrika t'Isfel, ristretta għaż-żona Metropolitana ta' Cape Town fil-provinċja ta' Western Cape ta' dak il-pajjiż terz, hija elenkata fit-tabella fil-Parti 1 ta' dak l-Anness u deskritta fil-Parti 2 ta' dak l-Anness.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/692/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/404/oj).

(5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1170 ([4]) emenda l-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 sabiex, fost l-oħrajn, jawtorizza mill-ġdid id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' żwiemel irreġistrati miż-żona ZA-1 fl-Afrika t'Isfel skont kundizzjonijiet speċifiċi rigward miżuri addizzjonali ta' mitigazzjoni tar-riskju għall-marda Afrikana taż-żwiemel (AHS). Waħda mill-kundizzjonijiet speċifiċi, deskritti fil-Parti 3, il-punt 4(c), ta' dak l-Anness, hija sospensjoni immedjata tad-dħul fl-Unjoni taż-żwiemel irreġistrati miż-żona ZA-1 fil-każ ta' każ ikkonfermat ta'AHS fiż-żona kkontrollata, li ddum sal-awtorizzazzjoni mill-ġdid tiegħu mill-Kummissjoni Ewropea.

(6) Fid-29 ta' Ottubru 2026, l-Afrika t'Isfel irrappurtat lill-Kummissjoni tifqigħa tal-AHS fiż-żona kkontrollata, fil-provinċja ta' Western Cape tal-Afrika t'Isfel. Fid-dawl tal-kundizzjonijiet speċjali stabbiliti fil-Parti 3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 u filwaqt li titqies is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fl-Afrika t'Isfel, jixraq li jiġi sospiż id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' żwiemel irreġistrati miż-żona ZA-1 fl-Afrika t'Isfel sabiex jiġi protett l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni, filwaqt li titqies id-data meta ġiet ikkonfermata t-tifqigħa tal-AHS. Għalhekk, l-entrata għall-Afrika t'Isfel fit-tabella stabbilita fil-Parti 1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

(7) L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji jew taż-żoni tagħhom, li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni, rispettivament, ta' konsenji tal-pollam u ta' prodotti ġerminali tal-pollam, u ta' laħam frisk tal-pollam u għasafar tal-kaċċa.

(8) Il-Kanada nnotifikat lill-Kummissjoni dwar tliet tifqigħat ġodda tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI, highly pathogenic avian influenza) fil-pollam fil-provinċja ta' Alberta, li ġew ikkonfermati fl-20 ta' Ottubru 2026 u fit-30 ta' Ottubru 2026 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(9) Ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni b'tifqigħa ġdida tal-HPAI fil-pollam fiż-żona amministrattiva ta' Scottish Borders, fl-Iskozja, li ġiet ikkonfermata fit-2 ta' Novembru 2026 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(10) L-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar erba' tifqigħat ġodda tal-HPAI fil-pollam fl-istati ta' California, Iowa, Minnesota u Wisconsin, li ġew ikkonfermati bejn it-23 ta' Ottubru 2026 u d-29 ta' Ottubru 2026 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(11) Wara dawk it-tifqigħat riċenti tal-HPAI, l-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada, tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti nnotifikaw l-istabbiliment ta' żoni ristretti ta' mill-inqas 10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u l-implimentazzjoni ta' politika ta' qerda biex jikkontrollaw il-preżenza tal-HPAI u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda.

(12) Il-Kanada, ir-Renju Unit, u l-Istati Uniti ssottomettew iktar informazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji rispettivi tagħhom u l-miżuri li ttieħdu biex jevitaw aktar tixrid tal-HPAI wara dawk it-tifqigħat riċenti tal-HPAI.

(13) L-informazzjoni pprovduta mill-Kanada, mir-Renju Unit u mill-Istati Uniti ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fiż-żoni bir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada, tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti, jixraq li jiġi sospiż id-dħul fl-Unjoni tal-konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa miż-żoni kkonċernati mit-tifqigħat il-ġodda f'dawk il-pajjiżi terzi, biex jitħares l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu d-dati meta ġew ikkonfermati t-tifqigħat. Għalhekk, l-entrati għall-Kanada, għar-Renju Unit u għall-Istati Uniti fit-tabelli stabbiliti fit-Taqsima B tal-Parti 1 u fil-Parti 2 tal-Anness V, u fit-tabella stabbilita fit-Taqsima B tal-Parti 1 tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1170 tat-23 ta' April 2024 li jemenda l-Annessi IV, VIII, XIII, XIV u XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-listi ta' pajjiżi terzi jew territorji, jew żoni tagħhom, awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ċerti annimali u prodotti li joriġinaw mill-annimali, u li jikkoreġi l-Anness XIV tiegħu fir-rigward tal-lista ta' pajjiżi terzi jew territorji, jew żoni tagħhom, awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa (ĠU L, 2024/1170, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1170/oj).

(14) Barra minn hekk, il-Kanada pprovdiet informazzjoni aġġornata lill-Kummissjoni b'rabta mas-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorju tagħha fir-rigward ta' tifqigħa preċedenti tal-HPAI li wasslet għas-sospensjoni tad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u ta' prodotti ġerminali tal-pollam u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa, kif stabbilit fit-tabella tal-Anness V, il-Parti 1, it-Taqsima B, u fit-tabella tal-Anness XIV, il-Parti 1, it-Taqsima B, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(15) Il-Kanada infurmat lill-Kummissjoni li, wara dik it-tifqigħa preċedenti tal-HPAI, implimentat politika tal-qerda biex tikkontrolla u tillimita t-tixrid ta' dik il-marda, u lestiet ukoll it-tindif u d-diżinfettar meħtieġa wara l-implimentazzjoni tal-politika tal-qerda fl-istabbiliment tal-pollam infettat.

(16) Il-Kummissjoni evalwat l-informazzjoni sottomessa mill-Kanada f'dak ir-rigward u jidhrilha li tat garanziji xierqa li s-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali li kienet wasslet għas-sospensjoni tad-dħul ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa fl-Unjoni miż-żona affettwata, kif stabbilit fit-tabella fit-Taqsima B tal-Parti 1 tal-Anness V u fit-tabella tat-Taqsima B tal-Parti 1 tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, ma għadhiex toħloq theddida għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa pubblika fl-Unjoni u li, għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi awtorizzat mill-ġdid id-dħul fl-Unjoni ta' dawk il-konsenji miż-żona affettwata tal-Kanada li minnha kien ġie sospiż id-dħul fl-Unjoni. Għalhekk, l-entrati għall-Kanada f'dawk it-tabelli ta' dawk l-Annessi jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.

(17) Filwaqt li jitqiesu t-tifqigħa tal-AHS fl-Afrika t'Isfel u t-tifqigħat tal-HPAI fil-Kanada, fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti, u biex jiġi evitat it-tfixkil bla bżonn fil-kummerċ mal-Kanada, l-emendi li jridu jsiru fl-Annessi IV, V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 permezz ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi b'mod urġenti.

(18) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi IV, V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Novembru 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi IV, V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness IV, fil-Parti 1, l-entrata għall-Afrika t'Isfel hija sostitwita b'dan li ġej:

"**ZA** L-Afrika t'Isfel	ZA-1	F	Żwiemel irreġistrati	EQUI-X	AHS-ZA		27.10.2026"	

(2) l-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.340 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**CA** Il-Kanada	CA-2.340	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		21.9.2026	1.11.2026"

(ii) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni CA-2.353, CA-2.354 u CA-2.355 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona CA-2.352:

"**CA** Il-Kanada	CA-2.353	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		20.10.2026	
	CA-2.354		N, P1		20.10.2026	
	CA-2.355		N, P1		30.10.2026"	

(iii) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.473 tiżdied wara r-ringiela għaż-żona GB-2.472:

"**GB** Ir-Renju Unit	GB-2.473	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		2.11.2026"	

(iv) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.1433 sa US-2.1436 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US-2.1432:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1433	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		23.10.2026	
	US-2.1434		N, P1		27.10.2026	
	US-2.1435		N, P1		28.10.2026	
	US-2.1436		N, P1		29.10.2026"	

(b) il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni CA-2.353, CA-2.354 u CA-2.355 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona CA-2.352:

"Il-Kanada	CA-2.353	Alberta – Latitude 56.88, Longitude -117.7 The municipalities involved are: 3km PZ: Manning and Northern Lights 10km SZ: Manning, Notikewin, and Northern Lights

	CA-2.354	Alberta – Latitude 50.78, Longitude -113.99 The municipalities involved are: 3km PZ: Foothills and Okotoks 10km SZ: Aldersyde, De Winton, Foothills and Okotoks
	CA-2.355	Alberta – Latitude 52.63, Longitude -114.05 The municipalities involved are: 3km PZ: Rimbey and Ponoka 10km SZ: Rimbey, Parkland Beach and Ponoka”

(ii) fl-entrata għar-Renju Unit, id-deskrizzjoni li ġejja taż-żona GB-2.473 tiżdied wara d-deskrizzjoni taż-żona GB-2.472:

“Ir-Renju Unit	GB-2.473	near Biggar, Scottish Borders, Scotland, GB the area contained with a circle of a radius of 10 km, centred on WGS84 dec, coordinates Lat: N55.62 and Long: W3.45”

(iii) fl-entrata għall-Istati Uniti, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni US-2.1433 sa US-2.1436 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona US-2.1432:

“L-Istati Uniti	US-2.1433	State of Wisconsin Barron 14 Barron County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 91.8214134°W 45.5107516°N)
	US-2.1434	State of Minnesota Morrison 15 Morrison County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 94.5958515°W 45.9406784°N)
	US-2.1435	State of California Stanislaus 20 Stanislaus County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 121.0128999°W 37.6282064°N)
	US-2.1436	State of Iowa Sac 07 Sac County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 94.9141769°W 42.5619261°N)”

(3) fil-Parti 1 tal-Anness XIV, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(a) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.340 hija sostitwita b’dan li ġej:

“**CA** Il-Kanada	CA-2.340	POU, RAT	N, P1		21.9.2026	1.11.2026
		GBM	P1		21.9.2026	1.11.2026”

(b) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni CA-2.353, CA-2.354 u CA-2.355 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona CA-2.352:

“**CA** Il-Kanada	CA-2.353	POU, RAT	N, P1		20.10.2026	
		GBM	P1		20.10.2026	
	CA-2.354	POU, RAT	N, P1		20.10.2026	
		GBM	P1		20.10.2026	
	CA-2.355	POU, RAT	N, P1		30.10.2026	
		GBM	P1		30.10.2026”	

(c) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela li ġejja għaż-żona GB-2.473 tiżdied wara r-ringiela għaż-żona GB-2.472:

“**GB** Ir-Renju Unit	GB-2.473	POU, RAT	N, P1		2.11.2026	
		GBM	P1		2.11.2026”	

d) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.1433 sa US-2.1436 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US-2.1432:

“**US** L-Istati Uniti	US-2.1433	POU, RAT	N, P1		23.10.2026	
		GBM	P1		23.10.2026	
	US-2.1434	POU, RAT	N, P1		27.10.2026	
		GBM	P1		27.10.2026	
	US-2.1435	POU, RAT	N, P1		28.10.2026	
		GBM	P1		28.10.2026	
	US-2.1436	POU, RAT	N, P1		29.10.2026	
		GBM	P1		29.10.2026”	